MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 691/2014

**Seaview and Sons Ltd**
**(C 24540)**

**Vs**

**Mary Rose Warley**
**ID 88951M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi 'pprezentat fit-2 ta' Ottubru, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi tesponi bir-rispett:

Illi hija kreditur tal-intimata fl-ammont ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900.00) rapprezentanti servizzi rezi lilha, fuq ordni taghha stess lis-socjeta' attrici;

Illi ghalkemm l-intimata giet interpellata sabiex thallas l-ammont dovut minnha hija baqghat inadempjanti;

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici umilment titlob li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:

1. Jiddikjara l-intimata bhala debitrici fis-somma ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900.00);

2. Jordna l-initmata thallas l-ammont dovut.

Bl-ispejjez u interessi legali kollha.

Il-konvenuta debitament notifikata 'pprezentat risposta fejn eccepiet illi l-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi hija qatt ma kellha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Fil-fatt minn verifiki li ghamlet il-konvenuta ricentament jidher illi l-ammont pretiz huwa dovut minn certu Nagi Al Maraash.

Bl-ispejjez.

Xehdet Franridge Schembri rapprezentant tas-socjeta' attrici li spjega illi kien mar ghandu certu Nagi Al Maraash u wara li stara fuel hallas permezz ta' cekkijiet fl-ammont mitlub ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900). Dawn ic-cekkijiet l-istess Nagi Al Maraash kien thallas minghand il-konvenuta Mary Rose Warley. Pero dawn ic-cekkijiet ma ssarfux. Meta s-socjeta' attrici talbet lil konvenuta thallas din ma hallsitx.

Xehdet ukoll il-konvenuta fejn spjegat illi Nagi Al Maraash kien ghamlilha xi xoghol fid-dar taghha u hallsitu permezz tac-cekkijiet. Wara li ha c-cekkijiet Maraash talabha thallsu cash u hi hekk ghamlet pero meta talbitu c-cekkijiet lura dawn ma gabhomlhiex. Hi spjegat illi minghand is-socjeta' attrici ma xtrat xejn u ma qabdithom jaghmlulha xejn. Spjegat ukoll illi meta tkellmet ma' Maraash qalilha illi hu wkoll kien hallas cash lis-socjeta' u ghalhekk is-socjeta' attrici ma kel;ha tiehu xejn.

It-Tribunal wara li semgha z-zewg partijiet isibha difficli jemmen illi Nagi Al Maraash xtara l-fuel minghand is-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900.00). Biex tiehu dak l-ammont kollhu f'salt wiehed huwa daqsxejn inkredibbli

u jekk dawn hallashom bil-mod xorta s-socjeta' attrici tibqa' mhix kredibbli li baqghet taccetta cekkijiet minghajr ma sarfet l-ewwel wiehed.

Min naha l-ohra l-konvenuta kienet ingenwa meta hallset permezz ta' cekk u regghet hallset bil-cash filwaqt illi halliet ic-cekkijiet jigru fl-idejn.

Madanakollu t-Tribunal jara illi t-talba kif mitluba ma gietx ippruvata udan peress illi l-attur talab hlas ghal servizz rezi lil konvenuta fuq ordni taghha stess. Il-konvenuta qatt ma xtrat jew ordnat minghand is-socjeta' attrici u dan il-fatt ikkonfermawh iz-zewg partijiet. Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jilqa' it-talba attrici u filwaqt li jichada jillibera lil konvenuta minn kull hlas.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mis-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------